MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Numru 886/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**Pauline Mifsud**

**Illum, 12 ta' Mejju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Pauline Mifsud ta' 37 sena, bint Carmelo Mifsud u Marianna nee' Spiteri, imwieled Zejtun nhar it-29.03.1971 u residenti no. 19 'Old

Trafford’, Triq it-Tempju, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 193971(M).

Giet akkuzata talli nhar it-2 ta’ Jannar 2008, bil-qerq holqot jew gieghlet li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’ hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat, ai termini ta’ l-Artikolu 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok AP1 u nnutat li l-imputata Pauline Mifsud m’ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata, fl-ezami taghha, wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghta ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuza kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikolu 110(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Pauline Mifsud, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputata u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputata ikkoperat bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-imputata Pauline Mifsud taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’

Malta bil-kundizzjoni li ma' taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Pauline Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------